**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**Vs**

**Adnan Saed**

**Illum 4 t'Awwissu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Adnan Saed ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben Maroud u Zahira nee' Axun, imwieled Tripoli, Libya, nhar l-10 ta' Marzu 1995, detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-numru 148901A, minghajr indirizz fiss talli:-

1. Fid-fid-29 ta' Lulju 2019 ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofs in-nhar, ikkometta serq ta' tmienja u erbghin elf disgha mija u tnejn u disghin Euro (€48,992) minn gewwa l-istabiliment bl-isem ta' Burgers Ink li jinsab gewwa il-kumpless Is-Suq li jinsab gewwa Triq il-Merkanti, Valletta, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-dannu ta' Daniel Borg Cardona u/jew persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(c), 267, 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D, datata 15 ta' Lulju 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-Qorti tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' Esperti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' htija, tipprovdi għas-sigurta ta' Daniel Borg Cardona u tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti ipprezentati mill-Prosekuzzjoni: (i) Fedina penali tal-imputat - Dok. "A"; (ii) zewg passaporti ta' l-imputat - Dok "B"u Dok. "C"; u (iii) Rapport tal-Pulizija dwar il-kaz - Dok. "D";

Rat li l-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jirrikonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzati talli:- (a) fid-fid-29 ta' Lulju 2019 ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofs in-nhar, ikkometta serq ta' tmienja u erbghin elf disgha mija u tnejn u disghin Euro (€48,992) minn gewwa l-istabiliment bl-isem ta' Burgers Ink li jinsab gewwa il-kumpless Is-Suq li jinsab gewwa Triq il-Merkanti, Valletta, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-dannu ta' Daniel Borg Cardona u/jew persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(c), 267, 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u (b) fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D, datata 15 ta' Lulju 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-akkuzi hekk dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri izda hadet in konsiderazzjoni wkoll ir-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat u li gew minnu ammessi.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 261(c), 267 u 279 (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u wkoll l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputati hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah: (i) ghall-perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija fir-rigward ta' l-ewwel akkuza dedotta fil-konfront tieghu; u (ii) fir-rigward tat-tieni akkuza dedotta fil-konfront tieghu, tordna li s-sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) - Mag. Dr. Yana Micallef Stafrace

- fil-konfront ta' l-imputat fil-15 ta' Lulju 2019 li biha gie kkundannat ghal sitt (6) xhur prigunerija, tibda ssehh.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba stante li ma tressqux provi dwar tali spejjez. Il-Qorti tastjeni wkoll milli tittratta dwar it-talba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Daniel Borg Cardona in kwantu rriżulta li l-imputat ma jafx min hu l-imsemmi Daniel Borg Cardona u b'hekk ma hemmx il-biza li dan jista' 'l quddiem jimmolestaw jew b'mod iehor idejqu.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi. Il-Qorti in oltre tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti sabiex ikun jista' jipprocedi a tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 28B(4) u (5) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**